# Bini Mwaqqa'

*Kienu għadhom qishom ħawħa*
*Fl-isbaħ żifna tal-għoxrin*
*Meta nqerdu, w mietu ħesrem*
*Safja, qlubhom imgħannqin!*
*Halfu kienu dik il-lejla*
*Illi jibqgħu ta' xulxin:*
*Halfu kienu li mħabbithom*
*Ma tintemmx ma' tmiem is-snin.*
*Kemm-il tama nbniet bħal ħolma!*
*Kemm-il ħsieb mill-aktar bnin!*
*Kemm-il xewqa rat twelidha*
*Ġewwa dawk il-qlub henjin!*

* * *

*Tgħidulix li l-ħajja taħmel*
*F'din id-dinja lit-tgawdija;*
*Tgħidulix li l-hena jseddaq*
*Ġewwa qlub bin-nar mimlija!*
*Għax minn fejn il-kwiekeb tiżgħad*
*Bojod, sbieħ, bl-eluf u l-mija,*
*U lid-dawl li nefaħ fihom*
*Alla, jixħtu 'l hawn mormija,*
*Ġiet il-Mewt biex itkeffinhom —*
*Biex itkeffen liż-żgħożija —*
*Ġo l-intejjen tan-niġġieża*
*U t-tqarmiċ ta' jdejn mherrija!*

* * *

*Issa biss il-ġebel għeri*
*Ifakkarni f'dawk l-uċuh:*
*Bini mwaqqa', mwerwer, ikreh,*
*Li tistħajlu krib ir-ruħ.*
*Iżda meta fil-għaxija —*
*Ma smajtux inti w għaddej? —*
*Tibda troxx id-dalma u l-kwiekeb,*
*U n-ngħas jinżel, in-Nessej,*
*Donnok tisma' minn ġol-ġebel*
*Ix-xofftejn tal-maħbubin,*
*U t-taħbit ta' qlub imgħaġġla*
*Wens l-iljieli mudlamin!*

*  *  *

*Għax il-Mewt ittertaq tista'*
*Biss il-għadam tal-bnedmin:*
*U fis-skiet ta' fil-għaxija*
*L-erwieħ jerġgħu għand xulxin!*

2. 8. 47.

W. GULIA.
(Student tal-Letteratura)